MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-28 ta' Frar, 2005

Numru 150/2002

**Il-Pulizija**
**Spettur Morgan Azzopardi**
v

**MARIA CONCETTA sive MIRIAM DEBONO**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputata **MARIA CONCETTA sive MIRIAM DEBONO** ta' sitta w erbghin sena, mart Vincent, bint Henry Cassar u Lorenza nee Darmanin, imwielda Vittoriosa fid-dsatax ta' Dicembru 1954 u residenti 'Azzurra', Triq Thomas Ashby, M'Scala u detentrici tal-karta tal-identita` numru 14355M giet imressqa quddiemha akkuzata talli f'Haz Zabbar bejn t-tlieta ta' Gunju 1996 u l-erbgha ta' Frar 1999 bhala proprjetarja, detentrici jew konsumatrici tal-hanut 'Il-Kantuniera' sitwat fi Triq is-Santwarju, Haz Zabbar, u bhala l-persuna

responsabbli ghall-meter tal-elettriku fl-istess fond, b’diversi azzjonijiet maghmula minnha anki jekk fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li kienu maghmulin b’risoluzzjoni wahda, b’mezzi qarrieqa li bihom wiehed jista jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew markar fil-meter tal-kwantita mehuda jew ikkunsmata fil-fond hawn fuq imsemmi, ikkommettiet serq ta’ kurrent elettriku li jammonta ghal aktar minn mija u tmenin lira maltin u tnax il-centezmu ghad-dannu tac-Chairman tal-Korporazzjoni Enemalta, liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bil-valur u li jeccedi l-mitt lira maltin.

U aktar talli fl-istess zmien ghamlet hsara voluntarja fl-istess meter tad-dawl ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta liema hsara tammonta ghal ghaxar liri maltin.

Il-Qorti giet mitluba, barra milli taghti l-piena stabbilita mill-ligi tordna lill-imputata thallas l-ispejjez tal-esperti mahtura mill-Qorti a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti esibiti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali datat tmienja ta' Jannar 2002 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja immarkat bhala dokument MA 3 fol 8 tal-atti.
Rat li l-imputata ma kelliex oggezzjoni sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja [fol 128 tal-atti] kif jirrizulta mill-verbal tal-hamsa w ghoxrin ta' Ottubru 2004 meta sar l-ezami tal-imputata ai termini tal-artikoli 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet lix-xhieda tal-Prosekuzzjoni kif wkoll lil imputata tixhed minn jeddha b'mod voluntarju.

Semghet lil partijiet jirrimettu ruhhom ghal provi fis-seduta tat-tnejn ta' Frar 2005.

Rat l-process verbal redatt mill-Magistrat Dottor Abigail Lofaro esibit a fol 28 et seq tal-atti.

Ikkunsidrat:

Illi **nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Gunju 2002 xehed is-Supretendent Angelo Baldacchino** kif jirrizulta a fol 12 et seq tal-atti fejn qal li nhar l-erbgha ta' Frar 1999 kien gie nfurmat mis-Surgent ta' Haz Zabbar li kienu marru jaghmlu spezzjoni xi haddiema tal-Korporazzjoni Enemalta f'hanut li jismu "Il-Kantuniera" fi Triq s-Santwarju f'Haz Zabbar fejn sabu li kien hemm il-meter li kelllu toqba fih. Ghalhekk, qal x-xhud huwa kien informa lil Magistrat li kien ghassa dakinhar u dan minn naha tieghu nnomina lil Hugh Camilleri bhala espert tekniku f'dik l-inkjesta. Ix-xhud kompla jghid li hu mar mal-istess espert fuq il-post u ra l-meter li kien jidher naqra wahda antik u fuq kull naha kellu mwahhal sticker u taht dik ta' fuq in-naha tax-xellug kien hemm toqba li kienet livell mad-diska. Ix-xhud qal li meta dan l-meter infetah instab li kellu d-diska b'xi grif pero l-bqija tal-meter kien jidher li kien qed jiffunzjona tajjeb u s-sigilli kienu f'posthom. Ix-xhud qal li meta tkellem mal-mara li kien hemm presenti dakinhar qaltlu li hija kienet wahda mid-diretturi tal-kumpanija peress li l-hanut kien fuq xi kumpanija, u li dak l-fond kien ilu f'idejhom ghal dawk l-ahhar hmistax il-sena. Ix-xhud qal li din il-mara qaltlu li l-meter dejjem kien hemmhekk u meta hu staqsiha fuq t-toqba li kien hemm, <u>din qaltlu li ma kienet taf xejn biha</u>.

Illi **nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Gunju 2002 xehed Joseph Zammit** kif jirrizulta a fol 14 et seq tal-atti fejn qal li hu kien mar jaghmel spezzjoni f'hanut li jismu "Il-Kantuniera" fi Triq s-Santwarju f'Haz Zabbar u kif kienu ser jifthu l-istess meter, innutaw li kien hemm sticker imwahhla fuq in-naha tal-lemin, hekk kif wiehed jhares lejn l-istess meter u tahtha kien hemm toqba livell mad-diska. Qal li s-sigilli kienu tajbin u li l-meter kien qed jirregistra l-konsum pero kif fethuh fuq id-diska nnutaw xi grif u ghalhekk ghamlu rapport l-ghassa. Ix-xhud qal li l-imputata kienet presenti dak l-hin li kienu qed jaghmlu l-imsemmija spezzjoni u spjegawlha x'kien qed isir.

Illi **nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Gunju 2002 xehed Raymond Bugeja** kif jirrizulta a fol 17 et seq tal-atti fejn qal li hu jahdem bhala skilled labourer mal-Korporazzjoni Enemalta. Qal li jiftakar li kienu marru fuq spezzjoni

f'hanut u sabu sticker imwahhla fuq il-meter u li hdejn din l-isticker kien hemm toqba fuq il-meter u kien hemm grif mad-diska wara li gie maqlugh l-cover. Qal li s-sigilli kienu tajbin u li l-meter kien qed jirregistra. Qal li waqt din l-ispezzjoni l-imputata kienet presenti pero ma ftakarx x'kienet qaltlu din il-mara meta staqsiha fuq t-toqba li nstabet fil-meter, peress li kienu ghaddew tlett snin u ma ftakarx.

Illi **nhar l-hmistax ta' Ottubru 2002 xehed PS 132 Joseph Camilleri** kif jirrizulta a fol 20 et seq tal-atti fejn qal li nhar l-erbgha ta' Frar 1999 ghall-habta tal-hdax ta' filghodu hu kien gie nfurmat minn membri tal-Korporazzjoni EneMalta li kienu sabu arlogg imbaghbas fil-hanut li jismu "Il-Kantuniera" fi Triq s-Santwarju f'Haz Zabbar li kien f'isem Miriam Debono. Ix-xhud qal li huma kienu marru fuq il-post innutaw li l-meter kien tal-marka Ganz u kellu numru tas-serie 13010281 li kien qed jirregistra u kellu toqba zghira fin-naha tax-xellug li kienet mghottija bi sticker. Ix-xhud jghid li nforma lil Ispettur b'dan u qal wkoll li kien jaf li dak l-hanut kien f'idejn Miriam Debono xi zmien qabel peress li hu kien minn Haz Zabbar, tant li jiftakru li kien hanut tal-laham ghal zmien twil wkoll.

Illi **nhar l-hmistax ta' Ottubru 2002 xehed Silvio Decelis in rappresentanza tal-Korporazzjoni Enemalta,** kif jirrizulta a fol 22 et seq tal-atti, u esibixxa *record of consumption* tal-fond numru 92, "Il-Kantuniera", Triq s-Santwarju F'Haz Zabbar registrat fuq Anthony Ventura. Esibixxa wkoll *breakdown of estimate* mit-tlieta ta' Gunju 1996 sa l-erbgha ta' Frar 1999 u r-*report* tas-*surprise inspection* li saret [fol 83 - 84]. Aktar tard, fis-seduta tal-**hamsa ta' Marzu 2003 ix-xhud Silvio Decelis** spjiega kif wasal ghal *average consumption per day* fid-dokumenti esibiti minnu.

Illi **nhar l-hamsa ta' Marzu 2003 xehed Hugh Camilleri** kif jirrizulta a fol 98 et seq**,** fejn ghamel referenza ghar-relazzjoni tieghu dokument HC 1 a fol 48 tal-atti u qal li t-toqba kienet minfuda minn naha ghal ohra ma dik il-parti tal-meter, minn naha tal-hadid tal-meter ghal ohra, pero l-

isticker ma kienetx minfuda. Qal li meta hu fetah l-meter kkonstata li kien hemm xi ftit grif li ma kienx tad-diska pero qal li ma kienx f'posizzjoni li jghid jekk kien recenti jew le peress li kien fuq aluminium. Qal li hu jista jghid li l-isticker li jekk jiftakar sew qal li kienet bajda b'xi ahmar u b'xi kliem fuqha, saret wara li saret t-toqba u dan ghaliex ma kienetx ghadha sfaret. Qal li ma setghax jghid kemm kien ilu hemm dak l-brix li kkonstata hu. Ix-xhud gharaf lil imputata bhala l-istess persuna li kien hemm presenti waqt li kien qed jaqdi l-inkarigu tieghu dakinhar. Ikkonferma li l-imputata kienet qaltlu li huma kienu hadu dak l-fond minghand certu Ventura xi hmistax il-sena qabel. Mistoqsi mid-Difiza jekk staqsix lil imputata jekk fil-perjodu ta' dawk il-hames snin ta' qabel ma nfetah l-meter hi kienetx ghamlet xi *refurbishment* u biddlet is-sistema tad-dawl kollu, x-xhud rrisponda fin-negattiv. Qal li l-ghaxar liri imsemmija fir-relazzjoni tieghu bhala hsara dawn kienu jikkonsistu fi hsarat fizici tal-meter li kien ghadu ghandu.

Illi **nhar d-disgha w ghoxrin ta' Settembru 2004 xehdet l-imputata** kif jirrizulta a fol 118 et seq tal-atti fejn qalet li l-hanut in kwistjoni gie mehud minnha fis-sena 1994. Qalet li hi ghandha socji maghha pero hija responsabbli ghal dan il-hanut li minnu tbiegh *toys, gifts* u *stationery*. Qal li dan il-hanut ghamel zmien jintuza bhala hanut ghal-bejgh tal-laham. Qalet li min mindu haditu hi fis-sena 1994, dejjem hadet hsieb n-negozju fl-istess generu ta' *stationery*. Qalet li darba minnhom kienu marru zewgt irgiel u qalulha li kienu ser jbiddlu l-meter peress li kien imbaghbas. Qalet li dawn qalulha li c-comba mhux qeghda hemmhekk u hi rrispondithom li hemm kienet ghaliex meta tfarfru, r-ragel taghha kien jghidilha biex toqghod attenta ghac-comba. Qalet li wiehed dar fuqha u qalilha li kien hemm toqba fil-meter. Qalet li dawn kienu qalulha biex thallas mitt lira sabiex jkollha s-*supply* tad-dawl. Ix-xhud esibit dokument mahrug mill-bank li juri li hi kienet hadet loan zghira biex isir *refurbishment* tal-hanut taghha, fis-sens li taghmlu aktar modern, liema dokument huwa mmarkata bhala CSH a fol 121 tal-atti. Ix-xhud qalet li *appliances* u *air condition* ma hemmx fil-hanut u kull ma hemm kienu tubi tad-dawl. Ix-xhud kompliet tghid

qalet li qatt ma tat kaz li kien hemm toqba fil-meter jew xi haga irregolari u li l-arlogg hi tixghelu filghodu u titfih filghaxija u dan ghaliex fil-festi pubblici u l-Hadd ma tersaqx lejn il-hanut. Qalet li s-socji taghha m'ghandhomx x'jaqsmu mal-gestjoni tal-hanut peress li huma *sleeping partners*. Mistoqsija jekk meta ghamlet *refurbishment* l-*wiring* baqghax l-istess, ix-xhud qalet li ma kienetx taf ghaliex mhux hi ghamlitu.

Ikkunsidrat:

Illi l-artikolu 264(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, jistabilixxi li jekk jigi ppruvat l-ksur u l-presenza ta' mezzi qarrieqa li bihom wiehed jista jkollu l-uzu jew il-konsum illegittimu ta' kurrent elettriku, jew jibdel r-registrazzjoni tal-konsum, allura, jitqies bhala prova li d-detentur tal-fond, jew il-persuna li jkollha f'idejha l-fond fejn ikunu nstabu dawn il-mezzi qarrieqa, jaf b'dan l-uzu jew konsum ta' kurrent elettriku illecitu, <u>sakemm ma jigix ppruvat l-kuntrarju</u>.

Ghalkemm f'dan l-kaz, l-onus tal-prova jinqaleb u ma jibqghax aktar fuq il-Prosekuzzjoni, izda jinkombi fuq l-imputata, r-rizultat ta' dan l-ispustjar tal-prova ghal fuq l-imputata, hi li l-posizzjoni tal-Prosekuzzjoni tkun giet resa aktar facli u b'hekk hi tkun tista tasal fejn trid minghajr sforzi ta' xejn.

Illi din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tnejn ta' Settembru 1998*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Anthony Lanzon**, fejn dik il-Qorti rriteniet li:

*"Huwa car li dan l-artikolu 264(2) tal-Kap 9, johloq presunzjoni ta' dolo juris tantum li ghandha tipprevali jekk ma jigix ippruvat il-kuntrarju."*

Skond is-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sitta w ghoxrin ta' Ottubru 1998*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Emanuel sive Lino Cassar**;

*"Kull ma ghandha tipprova l-Prosekuzzjoni, skond dan l-artikolu, hi l-ezistenza tal-ksur tas-sigill jew sigilli u/jew l-*

*ezistenza tal-mezzi qarrieqa idonei biex isir l-uzu u konsum illegittimu ta' dawl."*

Din il-prova f'dan il-kaz, il-Prosekuzzjoni ghamlitha minghajr ebda dubbju, lanqas wiehed ragjonevoli u ghalhekk l-oneru tal-prova kuntrarjament gie spustjat ghal fuq l-imputata sabiex turi b'mod verosimili u sufficjentement konvincenti, li hi ma kellha x'taqsam xejn ma dan t-tbaghbis tal-meter, u ghalhekk, illi din il-presunzjoni ma hiex xi wahda assoluta, ghalkemm ghandu jigi applikat bl-akbar rigorosita.

Illi nhar l-erbgha ta' Frar 1999, **l-imputata ghazlet li taghti d-deposizzjoni taghha fl-inkjesta quddiem l-espert nominat mill-Qorti** minkejja li kellha kull dritt li ma tixhidx.

Illi minn din x-xhieda moghtija a tempo vergine tal-investigazzjoni tal-Pulizija, jirrizulta li hi qalet li l-fond illum jinsab f'isem kumpanija V&M Enterprises Limited u dan b'effett mis-sena 1984, pero kient hi li tiehu hsieb it-tmexxija tieghu.

Mistoqsija dwar jekk kienetx taf bit-toqba li sabu l-impjegati tal-Korporazzjoni Enemalta fuq il-meter installat fil-fond taghha, l-imputata wiegbet fin-negattiv u fil-fatt irrispondiet b'xi haga totalment differenti rigward c-comba li kienet tajba.

Mistoqsija jekk thallasx il-kontijiet hija, din wiegbet li kienet taghmel hekk fil-pront u b'mod regolari.

Illi **meta reghhet xehdet, din d-darba l-Qorti** nhar d-disgha w ghoxrin ta' Settembru 2004, hija ghal darb'ohra hija cahdet li kienet taf xi haga dwar l-allegat tbaghbis. Qalet li hija qatt ma tat kaz tal-meter u ghalhekk ma ndunatx li kien hemm xi haga rregolari fih.

Il-Qorti rat wkoll li meta l-imputata giet mitkellma mis-Supretendent Angelo Baldacchino, waqt l-investigazzjoni, din wkoll stqarret mieghu dakinhar stess li ma kienet taf

xejn dwar dak li kien qed jigi allegat li sar fil-kofront taghha.

Il-Qorti m'ghandhix ghalfejn ma temminx lil imputata f'dak li qalet u ghalhekk hija tal-fehma li l-imputata, permezz tax-xhieda taghha, irnexxilha tipprova l-innocenza taghha lil Qorti billi nnewtralizzat din il-presunzjoni fuq imsemmija [**vide Il-Pulizija v Micahel Attard deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tnax ta' Frar 1993**].

Ghalhekk wara li rat l-artikolu tal-ligi partikolarment l-artikolu 264(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, **il-Qorti tiddikjara li ma ssibx lill-imputata MARIA CONCETTA sive MARIA DEBONO hatja tal-akkuzi kollha kif addebitati fil-konfront taghha, u tilliberha minn kull imputazzjoni u htija.**

**Dwar it-talba tal-Prosekuzzjoni biex tikkundanna lill-imputata thallas l-ispejjez tal-periti nominati fl-inkjesta, l-Qorti rat illi din l-Qorti ma sabitx lil imputata hatja tal-akkuzi kif addebitati lilha u ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' tali talba.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------